# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Mejju 2017**

**Kawza Numru : 32**
**Rikors Guramentat Numru : 102/2017/LSO**

**Paul Darmanin**

**vs**

**Aicha Daoui u Lutfi Mohammed Errabah Adnan**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Paul Darmanin [detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 223551(M)] datat 2 ta' Frar 2017 fejn espona: -

Illi permezz ta' skrittura privata datata l-ewwel (1) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016), l-attur ftiehem mal-konvenuti li jikrilhom il-fond maghruf bl-isem "Freeda" fi Triq it-Tamar, Qawra, ghal seba' xhur u dan versu l-kera ta' mitejn u hamsin ewro (€250) fix-xahar.

Illi l-iskrittura privata datata l-ewwel (1) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) ma tosservax ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Artikolu 1531A tal-Kodici Civili, u kwindi hija nulla u bla effett.

Illi meta l-konvenuti gew interpellati sabiex jivvakaw mill-proprjeta' suriferita, huma baqghu inadempjenti.

Illi safejn jaf l-attur, il-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talbiet tieghu.

Illi ghalhekk qed issir din il-kawza.

Illi l-attur jiddikjara li jaf bil-fatti suesposti personalment.

Ghaldaqstant l-attur umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tilqa' t-talbiet tieghu bid-dispensa tas-smigh billi jikkonkorru l-elementi kollha mehtiega mill-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jizgombraw mill-fond maghruf bl-isem "Freeda" fi Triq it-Tamar, Qawra *entro* terminu qasir u perentorju minnha prefiss, u dan previa kull provvediment iehor li lilha jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, li huma minn issa ngunti in subizzjoni, u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-attur.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta' Marzu 2017.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Marzu 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u l-partijiet. Dr Simiana ddikjara li r-rikorrent rega' ha l-pussess tal-fond fil-mori tal-kawza u ghalhekk il-mertu hu ezawrit. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u l-partijiet. Dr Andre` Borg ipprezenta nota ta' ammissjoni ghan-nom tal-intimati.

Il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjez ghad-9 ta' Mejju 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Illi jirrizulta li l-intimati kkonsenjaw ic-cwievet tal-fond fil-mori tal-proceduri u konsegwentement il-mertu tal-kawza hu ezawrit.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-kap tal-ispejjez, l-istess intimati ammettew it-talba.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi** billi tilqa’ t-talbiet bid-dispensa tas-smiegh skont l-artikoli 167 *et sequitur* tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u, fuq ammissjoni tal-istess intimati, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar tat-talbiet fil-mertu peress li c-cwievet tal-fond gew ritornati lill-attur fil-mori tal-proceduri, tilqa' t-talba rigward il-kap tal-ispejjez.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimati *in solidum* bejniethom.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**09 ta’ Mejju 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**09 ta’ Mejju 2017**